# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Hubert Cini)**

**vs**

**Anthony Avallone**

Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Anthony Avallone**, li għandu l-karta tal-identita bin-numri 610349M li permezz tagħhom huwa ġie akkużat talli fit-19 t'Ottubru 2014 għall-ħabta tan-00:30 fi Triq id-29 ta' Mejju 1592, Ħal-Tarxien : -

(a) Bil-ħsieb li jtellef jew inaqqas il-ġieħ ta' Carmelo Mangion, weġġgħu bi kliem, b'ġesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod ieħor u dan bi ksur tal-Artikolu 252(1) tal-Kodiċi Kriminali;

(b) Kiser il-bon-ordni u paċi pubbliku b'għajjat u ġlied u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali;

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex fil-każ ta' ħtija tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat id-dokumenti eżebiti;

Semgħet il-provi prodotti;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

***<u>Ikkunsidrat:-</u>***

Illi fid-data, ħin u lok imputati, jirriżulta li l-imputata kien qiegħed fit-triq fejn għandu l-garage tiegħu u viċin tar-residenza tiegħu, barra mill-karozza tiegħu bi ħsiebu jipparkja l-istess vettura fil-garage tiegħu. Sadattant tfaċċa Carmelo Mangion u diversi familjarji tiegħu ħiereġ mir-residenza tat-tifla ta' Carmelo Mangion li hija ġara mal-imputat. Irriżulta li hemm kwistjoni bejn l-imputat u Carmelo Mangion dwar xi ħlasijiet ta' appoġġ u materji anċillari. Jirriżulta li inqala' inċident bejn l-imputat u Carmelo Mangion u xi familjarji tiegħu wara li l-imputat qallu kliem fis-sens li Mangion kellu jħalsu l-flus dovuti lilu.

***Ikkunsidrat : -***

Qabel xejn jiġi rilevat li t-tieni imputazzjoni hija estinta minħabba preskrizzjoni trimestrali. Jirriżulta mill-provi li l-imputat ġie notifikat bil-komparixxi tardivament – fit-2 ta' Frar 2015.

Iżda kwantu għall-ewwel imputazzjoni jirriżulta pruvat mingħajr dubju dettat mir-raġuni li kien l-imputat li fil-fatt meta ra lil Carmelo Mangion riesaq lejn id-direzzjoni tiegħu qallu kliem fis-sens li kien ikun aħjar jekk iħalsu l-flus li kellu jtih. Biss jirriżulta li din is-sollecitazzjoni għall-ħlas, apparti li ma kienx hemm lokha dak il-ħin u f'dawk iċ-ċirkostanzi (u persuna anzjana bħall-imputat kien messha ħasbitha sew qabel stqarret dak il-kliem) jirriżulta wkoll pruvat li kienet ukoll akkumpanjata minn espressjonijiet oħra li huma, fin-natura tagħhom inġurjużi – u dan fis-sens li l-imputat stqarr kliem bħal "imbruljun" u "midjun". Is-sempliċi rikjesta għall-ħlas ta' dejn ma tintegrax ir-reat kontemplat fl-Artikolu 252(1) tal-Kodiċi Kriminali. Iżda din ir-rikjesta akkumpanjata mill-kliem aktar il-fuq imsemmi, b'mod partikolari fil-kuntest pubbliku li ġew mistqarra, jintegraw ir-reat de quo.

# Decide

li wara li rat l-Artikolu 252(1) tal-Kodiċi Kriminali, filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tieni imputazzjoni in kwantu din hija estinta minħabba preskrizzjoni trimestrali, l-istess Qorti qegħda ssib lil Anthony Avallone ħati tal-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u filwaqt li tqis li fiċ-ċirkostanzi tal-każ, u tenut kont tal-karattru tal-ħati u tan-natura tal-imputazzjoni miġjuba kontrih, ma tqis li huwa xieraq li tiġi inflitta piena, wara li rat l-Artikolu 22

tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda tagħmel ordni li permezz tagħha tillibera lil ħati bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien xahar millum u dan wara li spjegat lill-ħati l-konsegwenzi ta' din l-ordni fis-sens li jekk iwettaq reat ieħor fiż-żmien imsemmi huwa jkun jista' jeħel il-piena għar-reat oriġinali.

Inoltre b'żieda mal-multa inflitta, wara li rat l-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali sabiex tipprovdi għas-sigurta' ta' Carmelo Mangion u familjari tiegħu u sabiex jinżamm l-ordni pubbliku, il-Qorti qegħda torbot lill-ħati taħt obbligazzjoni tiegħu innifsu għal perjodu ta' sena millum fl-ammont ta' ħames mitt euro (€500).

***14.vii.2015***

***Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***